MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 83/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs.**

**Michael Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Michael Zerafa, ta’ tmintax (18) il-sena, bin Peter u Catherine neé Cassar, imwieled fil-5 ta’ Lulju 1993 u residenti fil-fond Zerafa, Triq l-Inzul tal-Francizi, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 23792(G) li gie

akkuzat talli nhar il-11 ta' Mejju 2011 fin-Nadur Ghawdex, f'hinijiet differenti :

1. Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-marka Winchester bin-numru tas-serie K159360 u kif ukoll munizzjon minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija (Artikolu 5(1), Kapitolu 480)

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ippruva jikkaccja xi ghasfur, u/jew garr munizzjon jew arma tan-nar barra l-ghata taghha bi ksur ta' regolament 18 (1)(a) ta' l-Avviz Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija barra li taghti il-piena li jidhrilha xierqa tordna ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li l-fedina penali tieghu hija wahda nadifa u l-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Regolamenti 18(1)(a) u 27(3) tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, fir-rigward tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, tikkundannah ghal sitt (6) xhur

prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal tmintax (18) il-xahar. A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin Euro (€ 250.00).

Finalment, il-Qorti tordna li l-konfiska ta' Dok. "FT 3".

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------